

# Il-Ftira Maltija

X'benna... Tiftaħlek l-aptit tħares lejha biss. Din hi l-ftira Maltija! Imma x'għandha differenti mill-ħobż normali?

Ftira huwa ħobż żgħir tal-għaġina qarsa. Ħafna drabi din tittiekel billi timtela b'dak kollu li jiġik f'moħħok, bħalma huwa żebbuġ, kappar, tadam imqadded jew tadam frisk, tonn taż-żejt, kunserva u fuq kollox żejt.

Il-Maltin jieklu ftira mimlija b'mod regolari bħala snack ta' kuljum jew ikla ħafifa, jew bħala appetizer fil-każini tal-banda, ristoranti jew bars.

Din it-tip ta' ħobża barra li għandha l-benna u t-tjubija tagħha għandha wkoll l-aspett soċjali għax tiġbor flimkien lill-familja, lill-ħbieb fil-bars, fejn il-baħar, fil-każini u postijiet oħrajn.

Il-ħobż għandu rwol fundamentali fil-ħajja soċjali u anke fl-istorja ta' pajjiżna. Jifforma parti integrali mit-tradizzjoni kulturali Maltija. Minkejja d-drawwiet tal-ikel modern li qed jinbidel u tnaqqis fil-konsum lokali ras għal ras tal-ħobż; il-Maltin għadhom iqisu lilhom infushom bħala l-aktar 'bread eaters'.

# Aghti l-kulur

